# ITTRA MIFTUHA LIL ĠUŻÈ AQUILINA (1)

Ir-Rebbiegħa 1938.
Minn ġol-ġnien tiegħi.

*Għażiż ħabib, bħal issa Malta tagħna*
*Qed tilma ġewwa l-glorja tar-rebbiegħa;*
*Ferħ kullimkien: qegħdin jinsġulha għana*
*Il-ward, ix-xemx, il-baħar, kull nixxiegħa.*

*U aħn'ukoll, poeti, din is-sħana*
*Hassejna f'qalbna, u ntlifna ġo dagħdiegħa*
*Ta' għana bnin li bih ilsienna stagħna,*
*U ġieh din l-art qed jikber ta' kull siegħa.*

*Ofroq bla biża' t-triq u fittex ejja,*
*Ha turi li l-Maltin fdew l-ilsien tagħhom*
*U m'humiex iżjed ġens ta' nies qaddejja.*

*Biżżejjed s'hawn; minn qalb hedawn il-friegħi*
*Nibagħtlek minn qiegħ qalbi b'bewsa magħhom,*
*It-tislijiet safjin tal-fjuri tiegħi.* Ġorġ Pisani.

---

(1) Dil-poeżija l-awtur kien bagħatha lill-Prof. Ġ. Aquilina meta dan kien Londra. Ma kenitx stampata dak iż-żmien għax tħalltet ma' xi karti oħra. Dan l-aħħar il-Prof. P. P. Saydon sabha għandu ma' xi karti tiegħu.